TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

CCT/117/12/S

Carmel Buhagiar
Vs
Dr.Marlene Farrugia

Illum 22 ta'Marzu,2013.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Carmel Buhagiaripprezentata fl-14 ta'Mejju,2012 u r-risposta 'ta' Dr.Marlene Farrugia ipprezentata fis-27 ta'Novembru,2012;

Ra d-dokumenti pprezentati, sema' lill-partijiet u lir-rapprezentanti taghhom, kif ukoll it-trattazzjoni taghhom maghmula fil-25 ta'Jannar,2013;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda 'implants' li rnexxewx ghal darbtejn minhabba li skont il-konvenuta dentista, gisem l-attur m'accettax dawn l-'implants';

Illi jinghad mal-ewwel b'riferenza ghall-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta li dan it-tip ta'servizz jaqa' taht id-definizzjoni ta' "servizzi" moghtija fil-Kapitlu 378 tal-Ligijiet ta'Malta;

Illi fir-rigward tat-tieni eccezzjoni, inghad li l-attur informa lill-konvenuta bit-talba tieghu u ghalhekk l-iskop tal-artikolu 79 intlahaq;

Illi l-ilment principali tal-attur jirrigwarda l-ispiza li hu nefaq meta l-'implants' ma kinux success;

Illi hemm diversi fatturi li jridu jittiehdu in kunsiderazzjoni f'ilment simili;

Illi biex l-azzjoni tal-attur tirnexxi, huwa ried jipprova li l-konvenuta ma infurmatux bil-possibilita ta' nuqqas ta' success jew li s-servizz moghti mill-konvenuta ma kienx wiehed professjonali jew tal-livell li wiehed jistenna minn professjonist;

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 - MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070 FAX: (+356) 21239888

Illi skont Dr.Marlene Farrugia, hija nfurmat lis-Sur Carmel Buhagiar x'seta' jaghmel filwaqt li spjegatlu wkoll li s-success tal-'implants' jiddependi minn jekk gismu kienx se jaccetthom jew le;

Illi mill-atti ma hemmx prova ta' dan anzi hemm prova li l-konvenuta infurmat lill-attur b'dak li seta' jigri u partikolarment li s-success tal-'implants' jiddependi minn gismu jekk jaccettahhomx jew le;

Illi ma ingabet ebda prova mill-attur li l-'implants' saru b'mod mhux professjonali daparti tal-konvenuta;

Illi l-gurisprudenza nostrana hi konkordi li tabib mhux tenut ghad-danni rizultanti minn zball professjonali, ammenokke dana l-izball ma jkunx grossolan u ammenokke l-hsara ma tistax tigi lilu addebitata minhabba nuqqas ta'prudenza, diligenza u attenzjoni ta' *bonus paterfamilias*.[1]

Illi kif spjegat fid-decizjoni tal-Qorti tal-Appell tat-28 ta'Mejju,010 fl-ismijiet **"Tessie Ellul et vs Dr.Astrid Camilleri"** jinghad li:

*"…ir-relazzjoni bejn tabib u pazjent tixbah aktar in-natura ta'kuntratt, b'dan, pero li mit-tabib mhux mistenni dejjem rizultat pozittiv, ghax l-obbligazzjoni tieghu mhux dik 'di risultato' izda 'di mezzi', fis-sens li l-obbligu tat-tabib huwa deskritt bhala li 'egli e' tenuto ad usare la diligenza che la natura dell'attivita esercitata esige (Corte di Cassazione d'Italia,21/7/1989, Kaz numru 3476) Dan ifisser li filwaqt li t-tabib ikun irid jipprova li hu agixxa kif il-professjoni tistenna minnu, il-pazjent irid juri, fl-ewwel lok, li gara xi haga hazina waqt l-intervent kirurgiku, xi haga, jigifieri mhux mistennija li ssehh f'operazzjoni ta'dik ix-xorta…"*;

Illi fil-kaz odjern, il-konvenuta dentista irnexxielha tipprova li ghamlet dak kollu li l-professjoni taghha tistenna minnha;

Illi jinghad ukoll li t-tieni sett ta' "implants" saru ninghajr hlas;

---

[1] "John Cachia et vs Dr.Tancred Busuttil et" deciza fis-27 ta'Novembru,2012 (PA, LFS); "Savona pro et noe vs Dr.Asphar et".

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati u fic-cirkostanzi tal-kaz u wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jichad it-talba ta' Carmel Buhagiar filwaqt li Jilqa' l-eccezzjonijiet ta' Dr.Marlene Farrugia, bl-ispejjez ta' dawn il-proceduri jithallsu mill-partijiet b'mod ugwali.

Richard Sladden Av.
Arbitru